**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

***Kumpilazzjoni* Nru. 578/2020**

Illum, 28 ta' Novembru, 2022

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**-vs-**
**Oreste Zammit, detentur tal-karta tal-identità 735259M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat Oreste Zammit u ċioe talli:[1]

F'dawn il-Gżejjer, f'dawn il-Gżejjer, illi fit-3 ta' Awwissu 2020 u/jew fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. Għamel atti ta' *money laundering* billi:-

i) Ikkonverta jew ittrasferixxa propjetà meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-propjetà` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f' attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-propjetà` jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f' attività` kriminali;

[1] Fol.1-4

ii) Ħeba jew wera ħaġa b'oħra tal-vera xorta, provvenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjetà`, meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-propjetà` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attività` kriminali;

iii) Akkwista, ippussesa jew uża propjetà' meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess propjetà' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attività` kriminali;

iv) Bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' propjetà' meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess propjetà' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attività` kriminali;

v) Ittenta jagħmel l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi) Aġixxa bħala kompliċi fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering (Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta), u l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Talli approprja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna/i oħra is-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000) liema flus ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, għad-dannu ta' Joseph Bugeja u/jew l-kumpaniji 'Bugeja Enterprises Limited', 'The Wholesaler BEL Group Limited' u 'M&J Properties Limited', u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 293, 294 u 310 (1)(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu, jew seraqhom dan bi ksur ta' l-Artikolu 127(1) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Talli ikkommetta talli reati, filwaqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar ħati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-

kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana**

5. Talli xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew laqa' għandu, żamm kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożit ta' nbid u xorb alkoħoliku bla dazju, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn Dazju u Taxxa li jkun imiss jitħallas fuqhom jew biex tinħeles xi limitazzjoni tad-Dwana dwar dan ix-xorb u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali (Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Artikoli 60 (1) (b) (k), 62 (f) (g) (h) (i), paragrafu (b) tal-*proviso* tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta) u kif ukoll Artikoli 16 (1) (j), 17 (1) (a) (d), Regolament 13 tat-Taqsima B fis-Sitt Skeda u Regolament 13 tat-Taqsima F fis-Sitt skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta);

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjetà' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma propjetà` tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponi minn xi propjetà' mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, hija tordna ukoll l-interdizzjoni skond l-Artikoli 119 u 140 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esibiti.

Semgħet il-provi;

Rat ir-rikors konġunt preżentat nhar it-8 ta' Novembru, 2022, mill-Avukat Ġenerali w l-imputat permezz ta' liema, filwaqt li iddikjaraw li qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil din il-Qorti biex fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputat għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta'priġunerija effettiva għall-perjodu ta' tlett (3) snin kif ukoll il-ħlas ta' multa ta' mija w għaxar t'elef Ewro (€110,000), u dan oltre` kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva

għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija, ai termini tal-Kapitolu 9 u tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2022, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioe, wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk irid, wara li ngħata żmien jerġa jikkonsulta mal-legali tiegħu, jerġa lura minnha. Wara li l-imputat baqa' jtenni l-ammissjoni tiegħu, u wara li l-Qorti kkonfermat mad-difensur tal-imputat li l-imputat tassew kien qed jifhem il-piena għar-reati li dwarhom qed issir l-ammissjoni, kif ukoll li fehem il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu w tas-sejbien ta' ħtija fuq dik l-ammissjoni, din l-ammissjoni ġiet reġistrata.

L-istess reġa' seħħ nhar il-21 ta' Novembru, 2022 fejn wara li din il-Qorti irrikjamat il-kawża appożitament sabiex reġa' ġie spjegat lill-imputat il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż dawk tassattivi hekk kif dikjarat fl-imsemmi patteġġament kif ukoll sar stħarriġ jekk kellux mezzi biex iħallas il-multa fuqu imposta ai termini tal-istess patteġġament, l-imputat għal darb' oħra w kif konfermat mid-difensur tiegħu iddikjara li fehem sew dak li kien qed jammetti għalih w reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu w għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

In kwantu għall-piena din il-Qorti tirrileva li din is-sentenza qegħda tingħata wara li saret talba mill-partijiet permezz ta' rikors konġuntiv mill-Avukat Ġenerali w l-imputat a tenur ta' l-artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat, u wara li rat in-natura tar-reati serji li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, inkluż reati fejn safa vittma l-Erarju,

din il-Qorti hi sodisfatta li s-sanzjoni mitluba mill-partijiet hija tali li jkun leġittimu illi din tiġi hekk imposta, u dan ai termini tal-Artikolu 392A(7) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-artikoli 17, 18, 31, 141, 127(1), 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-artikoli 60(1)(b)(k), 62(f)(g)(h)(i), paragrafu (b) tal-*proviso* tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikoli 16(1)(j), 17(1)(a)(d), tar-regolament 13 tat-Taqsima B fis-Sitt Skeda, tar-regolament 13 tat-Taqsima F fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal **tlett (3) snin priġunerija** w **multa ta' mija w għaxart elef Ewro (€110,000).**

Inoltre` ai termini tal-Artikoli 23B(1) u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-ammont ta' **tmien mija w tletin elf, mija tlieta w disgħin ewro (<u>€830,193)</u>** rappreżentanti r-rikavat, jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.[2]

Bl-applikazzjoni tal-Artikoli 23B(2) u 23Ċ(4) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputat għandu jħallas *multa* ta' **tmien mija w tletin elf, mija tlieta w disgħin ewro (<u>€830,193)</u>** li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat.

Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala <u>dejn ċivili</u> w is-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi <u>titolu eżekuttiv</u> għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Din is-somma ta' **tmien mija w tletin elf, mija tlieta w disgħin ewro (<u>€830,193)</u>** tirrapreżenta b'mod <u>konservattiv ferm</u> il-valur tar-rikavat ġenerat mir-reati li qed tinstab ħtija dwarhom[3]. Fil-fatt, kif jixhed l-Awditur espert Antoine Borg u kif rifless fir-rapport tiegħu[4], jirrizulta li ma dawn il-flejjes hemm ammont addizzjonali ta' tlett mija, tlieta w tletin elf erba' mija sebgħa w sebgħin ewro

---

[2] Dispożizzjoni tassativa li tipprovdi: Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti **għandha**, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti..... tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew dik il-propjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat.....

[3] Fol.1991.

[4] **Dok.AB** a fol.1985 et seq

(€333,477) li hi d-differenza bejn l-ammont depożitat fil-banek u dak li nħareġ mill-banek. Madanakollu dwar dan l-ammont Borg jesprimi tħassib li din id-diskrepanza setgħet tkun attribwibbli li kien hemm bilanċ pożittiv fil-bidu tas-snin koperti mill-ezercizzju minnu magħmul li però ma kienux dettaljati fl-informazzjoni disponibbli għall-espert. Għaldaqstant kunsidrat li kull dubbju jrid imur għaf-favur tal-imputat, dan l-ammont addizzjonali mhux qed jiġi komputat mas-somma tar-rikavat.

Inoltre` tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà mobbli w immobbli tal-imputat kif stipulat fl-Artikolu 3(5) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll bl-artikoli 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[5].

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' **€3,102.89c** rappreżentanti spejjez peritali.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, u fuq talba tal-imputat stess, qed toħroġ ordni ta' trattament sabiex l-imputat jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa biex jegħleb il-vizzju tal-logħob li wasslu għall-inkarċerazzjoni, inkluż għajnuna psikoloġika.

F'dan il-waqt il-Qorti qed tagħmel tagħha l-appell tal-imputat kif riklamar ta' *betting* fuq il-*media,* senjatament fuq it-*television* u mhux limitat għal waqt xi logħba football, <u>qed iwassal għal qerda ta' bosta</u>. L-istess riklamar qed jagħmilha diffiċli li wieħed jegħleb il-vizzju meta minn fuq il-pultruna ta' daru – il-post fejn il-bniedem jieħu rifuġju biex jaħrab minn kull hemm – jispiċċa jiġi mħajjar u mħeġġeġ jirritorna għal vizzju. Vizzju li bħal fil-każ in deżamina, raġel tal-familja ġabu kriminal.

Oreste Zammit spjega li ftit jagħmel sens għal min hu maħkum mill-lebbra tal-logħob li tali riklamar iħeġġu għal "logħob responsabbli"; min hu marid jinħtieġlu jehda w iżomm il-bogħod minn dak li jkun mardu fl-ewwel lok u mhux jiġi espost sabiex il-marda tinfirex dejjem "b'mod risponsabbli."! Il-

[5] Vide **Il-Pulizija vs Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017.

ħsibijiet espressi minn Oreste Zammit huma riflessi f'konklużjonijiet ta' studju li sar fl-2020 fuq ***gambling advertising***:[6]

> *The relationship between advertising and actual gambling behaviour is complex; yet, triangulation of the evidence produced by this research project would suggest that there are reasonable grounds for concern. In the absence of conclusive longitudinal research and wider comparisons, there is a clear link between gambling advertising and the attitudes, current and likely future behaviours of children, young people and vulnerable adults. This is not to say that gambling cannot be enjoyed recreationally at a legal age; however, it is important to note that these are all groups who have already been identified as more likely to experience gambling disorder or be vulnerable to gambling related harms.*
>
> *The application of the precautionary principle advocates taking preventative measures even if cause and effect relationships are not fully established. Within this context, the research findings of this project suggest that action would be warranted in a number of areas:*
>
> ***The case for reducing exposure to gambling advertising**: exposure to advertising is high across all age groups with gambling advertising predominantly found in public places rather than specifically child-friendly places. This suggests that current rules to restrict exposure have a limited impact, including the '25% rule' aimed at excluding advertising from media with an audience consisting of a 25% or more of children and young people14. The research suggests that sheer exposure to gambling advertising can have an impact on attitudes towards the prevalence and acceptability of gambling, and in turn the susceptibility to gamble in the future.15 Furthermore, the rise of new forms of gambling marketing through social media have increased the ways in which children, young people and vulnerable adults can engage with gambling brands, often innocently, in such a way as to develop brand loyalty.*
>
> ***The case for reducing the appeal of gambling advertising**: rules in place to reduce the appeal of gambling advertising currently assume that there are a set of specific features that children and young people find more appealing than do adults. Current regulations require clarification in areas such as not using sports stars under the age of 25 or child-like images in new sectors such as eSports. However, this research suggests that appeal should be extended to other common features, and particularly adverts that emphasise fun, a sense of reduced risk, and financial reward. Furthermore, these features may play on the susceptibilities of children, young people and vulnerable adults – especially where understanding of risk is poor. The appeal of ads may not always elicit an immediate bet; however, the appeal of adverts is successful in eliciting emotional responses that in turn are likely to shape attitudes to gambling and the chance that an individual will consider gambling in the future. ...*

---

[6] ***Final Synthesis Report – The effect of gambling marketing and advertising on children, young people and vulnerable adults***; gambling-marketing-advertising-effect-young-people-final-report.pdf

Wasal iż-żmien li jiġi kkunsidrat serjament jekk riklamar ta' *betting* għandux jibda jiġi trattat bl-istess sensittivita` u b' *circumscription* bħal riklamar ta' prodotti alkoliċi w prodotti ta' tabakk. Inutli jiġu imnedija programmi w *policies* biex jgħinu l-min hu afflitt minn vizzji simili kemm il-darba tali inizjattivi ma jkunux ikkumplimentati minn *policies* intiżi biex jipprevjenu tali vizzji fl-ewwel lok. Il-vulnerabbli bħal ma hu kull vizzjat, m'għandux jiġi soġġett involontarjament għal tentazzjoniijet anke fil-protezzjoni ta' daru f'ħin meta qed isegwi programmi televiżivi w saħansitra l-aħbarijiet!

Fl-aħħar net Zammit talab li jingħata l-opportunita li jgħin lil ħaddieħor biex ma jispiċċax fil-pożizzjoni li sab ruħu fiha. Dan l-appell tal-imputat għandu jittieħed bis-serjetà. Fi kliem Zammit, jekk jirnexxielu jsalva mqar persuna oħra mill-istess madmad li hu spiċċa fih, ħajtu tkun serviet ta' ġid. Għalhekk il-Qorti tappella, li anke minn issa, l-imputat jingħata kull opportunita sabiex mingħajr telf ta' żmien iservi ta' ġid u ta' eżempju għall-oħrajn; ir-rakkont tiegħu w l-karba tiegħu taf tgħin tassew persuni maħkuma mill-vizzju tal-logħob bħalu. Fl-istess ħin kliemu jafu jservu ta' *wake up call* għal min qiegħed f'pożizzjoni li jrażżan l-attrazzjoni w it-tlellix li reklamar ta' logħob legalizzat jiġi mpitter bih; reklamar li kapaċi jkun kaġun tal-qerda ta' tant familji. Oreste Zammit hu il-personifikazzjoni w il-manifestazzjoni tanġibbli ta kif dan il-vizzju misħut wassal sabiex b'konsegwenza, persuna tassew spiċċat tilfet kollox. Fl-istess ħin però Oreste Zammit jippersonifika it-tama, il-prospett b'saħħtu tar-riabilitazzjoni b'ġejjieni skatenat mill-pjaga tal-logħob kemm għalih u kif ittamat, għal oħrajn.

Tordna wkoll li din is-sentenza tiġi notifikata lil Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**